# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 28/KA1/13

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 25/03/'13** **28**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 25/03/'13** **37**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2013.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fl-10.30a.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Ċermen Richard Scicluna
Il-Membru Joseph Oliva

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-21 ta' Marzu 2013. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament - Triq Spinola

4. Aġġornament - Co-option ta' Tlett Membri
5. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti 27/KA1/13.

1.3.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Iċ-Ċermen issekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| P 164 | Email mingħand is-Sur Ray Bonnici rigward permess ta' riklam fuq għamara fi Triq Paceville kantuniera ma' Triq Ross. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. P164

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Ray Bonnici rigward permess ta' riklam fuq għamara fi Triq Paceville kantuniera ma' Triq Ross. Ġie deċiż unanimament li jiġi nfurmat li t-talba tiegħu ġiet rifjutata minħabba li l-bankina ma tibqax aċċessibbli għal kulħadd. Fl-istess waqt il-Kumitat qed jitlob li titneħħa t-tabella li twaħħlet mal-ħajt fi Triq Salvu Privitera peress li ġie mgħotti l-isem tat-triq.

**3 Aġġornament – Triq Spinola**

3.01 Il-Kumitat ġie nfurmat li l-kuntrattur fetaħ l-applikazzjoni tat-TPS għar-resurfacing tat-triq nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu 2013, u hemm żmien sal-11 t'April 2013 biex l-entitajiet jagħtu l-kundizzjonijiet tagħhom qabel ikun jista' jinħareġ il-permess.

**4 Aġġornament - *Co-option* ta' Tlett Membri**

4.01 Il-Membru Joe Oliva nforma lill-Kumitat li sal-laqgħa li jmiss ser iġib id-dettalji dwar il-persuna rappreżentanta tal-Partit Laburista li ser titressaq biex tiġi *co-opted*. Filwaqt li min-naħa taċ-Ċermen informa lill-Kumitat li għalkemm għadhom għaddejin il-kuntatti għadu ma sabx persuni biex jiġu *co-opted*.

**5 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

5.01 Ma kienx hemm komunikazzjonijiet.

**6 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

6.02 Il-Membru Joseph Oliva pproponihom.

6.03 Iċ-Ċerman issekondah.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 218 sa nru. 220 għall-approvazzjoni u pproponihom (Ara Appendiċi 'B').

7.02 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

7.03 Il-Kumitat qabel unanimament.

7.04 Il-laqgħa għax-xahar ta' April ser issir nhar it-Tnejn 29 t' April 2013 fl-10.30 a.m.

7.05 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fl-11.10a.m.

**Richard Scicluna**
**Ċermen**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**